**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Herman Mula)**

**(Supretendent Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Edward Spiteri Gonzi**

**Kump Nru: 405/2015**

**Illum 14 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Edward Spiteri Gonzi ta' 31 sena, iben Anthony u Mariella (Maria) nee' Camilleri, imwieled Pieta' nhar it-3 ta' Gunju 1983, resident The Rocklands, Blk 2, Flt 5, Triq Windsor, Sliema, ID Card no 303483M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer matul ix-xahar ta' April 2011 u matul it-tnax-il xahar ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-itsess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmila b'rizoluzzjoni wahda:-

Ghamel att ta' money laundering billi:

1. Ikkonverta jew trasferixxa proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra tal-

origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita' kriminali, u/jew;

2. Heba jew ura haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

3. Akkwista proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

4. Zamm minghajr skuza ragonevoli proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali, u/jew;

5. Ittenta hekk kif imfisser l-artiklu 41 tal-Kodici Kriminali jaghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija fis-sub-paragrafi (i,ii,iii u iv);

vi. Irrenda ruhu komplici hekk kif imfisser fl-artiklu 42 tal-Kodici Kriminali taghmel il-hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija fis-sub-paragrafi (i, ii,iii u iv);

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fl-istess perjodu, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

6. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil; fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet,

disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

7. Ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

8. Ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor iffalsifikat.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra tiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli u dan ai termini tal-artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-artikolu 5(1)(a)(b) u 5(1) u 5(2) tal-Att Kontra Money Laundering Kap 373 u tal-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont la-rtikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kontro-ordni mahrug mill-Avukat Generali u l-artikoli mibghuta minnu sabiex l-imputat jigi ggudikat minn din il-Qorti, u rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

L-imputat jinsab addebitat bir-reati ta' hasil ta' flus; falsifikazzjoni ta' dokumenti, uzu ta' dokumenti foloz u twettiq ta' falsifikazzjoni ohra jew li xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz u l-perjodu relevanti huwa matul ix-xahar ta' April 2011 u t-tnax-il xahar ta' qabel.

Fl-ewwel lok, se ssir referenza ghax-xhieda principali:

**L-ex-Spettur Herman Mula** xehed[1] li huwa kien gie nfurmat bil-kaz fid-29 ta' Novembru 2011 mill-Assistent Kummissarju Neil Harrison li kien hemm xi sejba ta' droga mill-Pulizija tad-Dwana gewwa l-Germanja fl-14 ta' April 2011 f'vettura gewwa Hanover. F'din il-karozza kien hemm tlett persuni mil-Litwanja – Sungaria Edgaras, Ustinovos Ruslanas u Kiskenas Mindaugas. F'zewg bagalji li nstabu fil-vettura kien hemm madwar 2.2kg erojina f'bagalja minnhom u fl-ohra zewg kilogrammi *cutting agent*. Dawn it-tlett persuni gew arrestati u rrizulta li dik id-droga kienet destinata ghal Malta. Din kienet it-tielet *drug run* ghal Malta. Kienet saret wahda minn Kiskenas Mindaugas fit-12 ta' Marzu 2011, wahda minn Ruslanas Ustinavos fid-19 ta' Marzu 2011 u t-tielet wahda fit-13 ta' April 2011 u kienu ftehmu ma' persuna riferut bhala Ambassador. Ghat-tielet *drug run* dawn it-tlett persuni ftehmu li kienu se jisirqu d-droga. Huma spjegaw ukoll li f'dawn it-tlett transazzjonijiet kien hemm persuna Maltija li kienet titla' l-Belgju tigbor id-droga bil-karozza allegatament certu Clive Butler li ghandu proceduri pendenti fil-Qrati Maltin.

Waqt l-investigazzjoni fil-konfront ta' Clive Butler, l-ex-Spettur spjega li ltaqa' ma' zewg *money transfers* li rcevew Ustinovos Ruslanas u Kiskenas Mindaugas u flight booking li dan Clive Butler kien ghamel mill-Agenzija ETM Services registrata fuq isem Anthony Spiteri Gonzi. Il-*flight booking* kien fl-10 ta' Marzu 2011, Ryanair Flight FR 3475 minn Malta ghal Hanover li kienet relatata ma' wahda mit-tielet drug runs. Kien hemm ukoll zewg money transfers (1) fil-21 ta' Marzu 2011 li rcieva Ustinovos Ruslanas minn Western Union fl-ammont ta' €1,920. U (ii) iehor ricevut minn Kiskenas Mindaugas fil-21 ta' Marzu 2021 fl-ammont ta' €2,901.

Ix-xhud spjega li Anthony Spiteri Gonzi gie mitkellem mill-Pulizija u qalilhom li l-operat tal-Agenzija kien f'idejn ibnu Edward Spiteri Gonzi. B'hekk baghtu ghal Edward Spiteri Gonzi u fit-30 ta' Novembru 2011 irrilaxxja stqarrija. Talbuh igibilhom xi ricevuti, hadilhom u skont ix-xhud

[1] Seduta tat-18 ta' Mejju 2015

raw li kien hemm caqliq ta' flus li kienu jiffitjaw ma' profil ta' caqliq ta' flus ta' droga billi raw li ntuzaw ismijiet li ma jezistux u ntuza l-*identification number* anki fuq l-istess isem. Kien hemm *pattern* tal-istess ammonti ta' flus li minn investigazzjonijiet ohrajn minn persuni li jircievu pagamenti simili ta' *couriers* ta' droga. Kompliet l-investigazzjoni, intalbu lil Western Union biex jaghtuhom transazzjonijiet u mill-analizi sabu 90 transazzjoni. Talbu lill-imputat johdilhom xi kampjuni, hadilhom tnax u x-xhud flimkien mal-Assistent Kummissarju ivverifikaw kif kienet timtela l-formola u raw xebh mill-firem fil-parti fejn suppost jimla' l-klijent mal-firma tal-imputat. Ghaldaqstant infethet inkjesta magisterjali nhar l-10 ta' Frar 2012. Inhatar espert Joseph Mallia. Inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat u fil-15 ta' Novembru 2012 gie arrestat. Irrilaxxja stqarrija ohra fl-istess gurnata. Dak iz-zmien Edward Spiteri Gonzi ma kienx ghadu jahdem fl-Agenzija. Fis-16 ta' Novembru 2012 ittehditlu stqarrija ohra u fil-fehma tal-ex-Spettur huwa ma offra l-ebda spjegazzjoni valida kemm ghall-allegata falsifikazzjoni u ghac-caqliq tal-flus. L-imputat kien ta l-kunsens tieghu biex tittehidlu kampjun tal-firma u nghata police bail.

Saret tfittxija gewwa kontejner f'Kordin fejn kienu jinzammu d-dokumenti originali tal-Western Union u Fexserv. Minn tali tfittxija nstabu zewg dokumenti li jirrelataw il-money transfers li rcevew Ustinovos Ruslanas u Kiskenas Mindaugas. F'din it-tfittxija ngabru 86 dokument. Dawn id-dokumenti inghataw lil Joseph Mallia. Fil-konkluzzjoni tar-rapport tieghu gie konkluz li minn 86 ircevuta originali kienu gew processati mill-imputat bhala operator tal-Western Union u 72 minnhom irrizulta li fis-sezzjoni fejn kellu jiffirma l-klijent kienet fil-fatt il-kaligrafija tal-imputat. B'kollox dawn it-72 money transfer kienu jammontaw ghal €193,000.

Fit-3 ta' Dicembru 2013 intbaghtet ittra rogatorja fl-atti tal-Inkjesta fejn intalbet informazzjoni mill-Awtoritajiet Inglizi u ntlabet l-identita' tal-persuni u wiehed minnhom kien imnizzel li kellu licenzja tas-sewqan. Intbgahtet ittra rogatorja ohra fit-8 ta' Ottubru 2014 u r-risposta kienet mill-ufficcju tal-passaporti u ufficcju tal-age and vehicle driving licence agency li l-ismijiet elenkati ma kienux jezistu fis-sustanzi taghhom.

Fl-4 ta' Mejju 2015 inhareg mandat ta' arrest fil-konfront tal-imputat u fl-istess gurnata l-imputat irrilaxxja stqarrija ohra.

**L-ex-Assistent Kummissarju Neil Harrison** ikkonferma[2] u, kkorobora x-xhieda moghtija mill-ex-spettur Herman Mula. In kontro-ezami qal li ma jidhirlux li l-imputat jaf lil Litwani u hadd minnhom ma semma lill-imputat.

**David Borg Hedley**, General Manager tal-kumpanija Fexserv Financial Services, ikkonferma[3] d-dokument ezebit a fol 68 tal-process. Id-dokumenti misjuba fit-tfittxija gew mghoddija mill-agent b'mod regolari. L-agent jibghat l-original, izomm il-kopja tieghu u l-klijent izomm tieghu. Ma jivverifikawx kull dokument li jintbaghat. Spjega li l-agent idahhal l-informazzjoni fis-sistema globali tal-Western Union u hija l-Western Union li twettaq il-verifikazzjoni tal-informazzjoni. Jistghu jitolbu aktar informazzjoni jew jibblukkjaw it-transazzjoni u jghaddu l-flus lura u jinfurmaw ukoll b'dan. Huwa jaf lill-imputat bhala li kien impjegat tieghu ghal diversi snin. Il-Fexserv kellha *agency agreement* ma' ETM Services bhala kumpanija, li jkun gie approvat ukoll mill-MFSA.

In kontro-ezami[4] dan ix-xhud qal li l-*compliance* u r-regoli fis-sena 2010/2011 inbidlu minn dawk li huma llum billi illum huma hafna aktar stringenti. Spjega li meta persuna tmur f'ufficcju biex tibghat il-flus, il-*front line assistants* jew l-agenti taghhom kienu jaraw il-passaport, karta tal-identita', licenzja tas-sewqan tal-persuna biex jivverifikaw l-isem u l-wicc u jiehdu d-dettalji u jaraw li mhux skaduti. Jekk ikun passaport ma jkunx fih indirizz u trid toqghod fuq li jghidlek il-persuna. Ix-xhud spjega li l-persuna li qed taqdi kienet iddahhal id-dettalji tal-klijent fis-sistema tal-Western Union International. Id-dettalji kollha li kienu jintlew fil-formola kienu jikkijawhom gos-sistema tal-Western Union. Imbaghad il-Western Union tipprocessa t-transazzjoni. Kif tigi processata johrog *money transfer control number*. Jekk ikun hemm xi haga suspettuza t-transazzjoni titwaqqaf mill-Head Office. Is-sistema llum hija hafna ahjar.

Mistoqsi dwar l-importanza tal-firma fuq il-formola x-xhud irrisponda:

---

[2] Seduta tas-16 ta' Settembru 2015

[3] Seduta tas-16 ta' Settembru 2015

[4] Seduta tat-18 ta' Lulju 2018

*Well, there is no rule as to when the form is signed or not signed because at the end of the day a signature is just another part of the form that is on the form to complete the transaction. Inutli li xi hadd, sort of, jiffirma jekk it-transaction mhux se tghaddi. The paper has to be thrown off…so there is no rule whether this form has to be signed before we enter the details in the computer or not. The most important thing is that the agent collects the money from the person before they send the money because the money is so immediate that if he walks out of the shop before he pays, the money can't be collected.*

Ix-xhud ikkonferma li hafna agenti jimlew il-formoli huma billi hafna nies li juzaw il-Western Union money transfer huma barranin u hafna minnhom ma jkunux jafu jiktbu. Fis-sena 2010 persuna setghet tibghat flus sa massimu ta' €5,000.

Gew ezebiti minn **Alexia Attard** kopja tal-atti tal-proceduri fil-konfront ta' Clive Butler quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja[5].

**Clive Butler**[6] ghazel li ma jixhidx stante proceduri kriminali pendenti fil-konfront tieghu.

**L-imputat** xehed[7] li llum huwa mizzewweg u ghandu tifel. Huwa jahdem bhala Turnkey Contractor. Kien jahdem bhala clerk mal-ETM Services outlet tal-Fexserv. Il-fergha kienet ta' missieru. Is-servizzi kienu ta' travel agency, Western Union money transfers, bank transfers u kambju tal-flus. Din il-fergha kienet il-Gzira u l-post kien zghir hafna. Il-persuni li kienu jinqdew kienu jmorru bi flus kontanti. Huwa jispjega li beda jahdem hemm fis-snin 2005/2006 sas-sena 2012. L-aktar popolari bhala servizz kien il-Western Union ossia trasferiment tal-flus immedjat. Persuna kienet tmur bil-flus, tiehu isem u kunjom ta' min kien se jibghat. Bhala dokumenti seta' kien passaport, karti tal-identita', licenzja tas-sewqan anki ta' barra. L-importanti ghalih li kien vizibbli r-ritratt. Il-formola hafna drabi kien jimliha huwa biex jaghggel ghax kien ikollu hafna nies u gieli kien min ikun illitterat. Huwa kien idahhal id-dettalji fis-sistema u kif taghfas 'send' itik *money controlled transfer number*. Dak in-numru jista' jintbaghat lill-persuna barra minn Malta.

[5] Dok AA
[6] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2017
[7] Seduta tal-10 ta' Lulju 2019

L-imputat xehed li l-informazzjoni li kien jikkijja fis-sistema kienu jmorru ghand l-International Wetsern Union minn fejn kien jinghata l-go ahead ghat-trasferiment jew le abbazi tad-dettalji. Kif jircievi l-*money control number* kien jaghtih lill-klijent u l-flus ikunu jistghu jingabru. Il-*capping* kien ta' €5,000 kuljum ghal kull persuna. Huwa spjega li fl-ufficcju ma kellhom l-ebda mod kif jivverifikaw jekk dokument kienx wiehed genwin jew falz. Meta transazzjoni ma tghaddix huwa ma jkunx jaf jekk mhux tramite l-persuna li tkun ippruvat tibghat il-flus. Ikkonferma li hafna nies li kien jaqdi kienu jghidulu li jghixu Manoel island u huwa kien jifhem li jkunu minn fuq xi dghajsa jew vapur, jew meta kien ikun hemm ic-Cirku jew Luna Park. Il-maggiorparti tal-klijenti tieghu kienu jkunu barranin. Lil Mark Nord ma jiftakrux. Huwa spjega li ma kienx obbligat jistaqsi lill-klijenti ghalfejn riedu jibghatu l-flus. Il-Head Office qatt ma nfurmawh li ried jistaqsi xi mistoqsijiet.

L-imputat xehed li huwa ma jafx lin-nies li ssemmew fil-proceduri odjerni. Lil Clive Butler qatt ma kien rah qabel. Qal ukoll li gieli m'accettax li jaghmel transazzjoni per ezempju jekk ir-ritratt ma jkunx vizibbli sew jew ikun ghadda hafna zmien mir-ritratt.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fl-ewwel lok id-difiza fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2019 ivverbalizzat li fil-fehma taghha l-istqarrijiet ghandhom jigu ddikjarati inammissibbli skont gurisprudenza ricenti tal-Qrati taghna.

Gew ezebiti tlett stqarrijiet rilaxxjati mill-imputat kollha mehuda fl-assenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni billi l-ligi vigenti ta' dak iz-zmien ma kinitx tippermetti dan.

Din il-Qorti se tirreferi ghal gurisprudenza recenti moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-27 ta' Jannar 2021 u fl-istess gurnata mill-Qorti Kostituzzjonali.

Fuq naha l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Repubblika ta' Malta vs Rosario Militello**[8] gie deciz li l-istqarrija ma kellhiex tigi estromessa mill-atti meta t-talba ghal sfilz kienet ibbazata fuq allegat ksur tad-dritt ghal

[8] Kif ukoll fil-kawzi Repubblika ta' Malta vs Martino Aiello u Repubblika ta' Malta vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf et

smiegh xieraq izda mhux xi artikolu tad-dritt penali li jirregola l-evidenza.

Imbaghad fil-kawza **Clive Dimech vs Avukat Generali**[9], il-Qorti Kostituzzjonali rreferiet ghall-principju li ma jistax jitqies li hemm lezjoni tad-dritt ghal smiegh xieraq f'kazijiet bhal dawn qabel ma jintemm il-process penali, izda tenniet li stqarrija mehuda minghajr assistenza legali waqt l-interrogazzjoni f'cirkostanzi fejn il-Ligi ma kinitx taghti dak id-dritt hija difett procedurali u kwindi m'ghandhiex tintuza bhala prova fil-process penali.

Tenut kont tad-decizjonijiet mehuda mill-Qorti Kostituzzjonali din il-Qorti tqis l-istqarrijiet ghandhom jigu skartati u l-Qorti ghalhekk mhiex se tiehu konjizzjoni taghhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

Illi dwar ir-reat ta' hasil ta' flus, din il-Qorti se tirreferi ghal dak li ntqal fil-kawza Il-Pulizija vs Carlos Frias Mateos deciza fid-19 ta Jannar 2012 dik l-Qorti qalet hekk:

*Ma hemmx dubju illi r-reat ta' money laundering huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provenjeza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-Money Laundering Kap 373 ipoggi l-oneru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-oneru tal-provi m'hijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs John Vella" "din hi ligi strordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi sturment ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era' moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*

*Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l- Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' "money laundering"*

[9] Fuq l-istess binarju fil-kawza fl-ismijiet Morgan Onouorah vs L-Avukat tal-Istat

*minghajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dawk il-flus.*

*Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall- kawza "Il-Pulizija vs Paul Borg" deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' money laundering taht il-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova "prima facie" n-ness bejn il-flus jew il-propjeta u l-attivita kriminali li tkun generat dak il-flus jew propjeta. Minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap 373 ossia l-Att tan-1994 kontra "Money Laundering", fejn l-attivita kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-oneru tal-prova fuq l-akkuzat."*

*F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provvedimenti tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il- Kap jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal- Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, propjeta jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova "prima facie" japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'money laundering taht il-Kap 101 kif ukoll taht il-Kap 373. Issa, peress illi l- Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-prosekuzzjoni illi tipprova xi htija precidenti in konnessjoni ma xi attivita` kriminali, kull ma ghandha tipprova l-prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna li ma kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-prosekuzzjoni m'ghandix tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tippruva huwa fuq grad ta' "prima facie" illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.*

*Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova "prima facie" u fiex din tikkonsisti.*

*Ikkunsidrat*

*Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghar dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova "prima facie" hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredici l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.*

*L-awtur Blackstone (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, "Thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer." Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur "prima facie" huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala "a case to answer", haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.*

Mill-provi rrizultaw is-segwenti fatti:

- Edward Spiteri Gonzi kien jahdem bhala clerk fil-fergha ta' ETM Services Limited gewwa l-Gzira. Mill-*employment history* tieghu jirrizulta[10] li kien imjegat ma' Fexco Financial Services Malta Ltd mid-9 ta' Marzu 2004 sal-10 ta' Ottubru 2010 bhala *clerk* u mill-1 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Dicembru 2011 bhala *front line assistant*. Din il-fergha kienet tipprovdi servizz ta' travel agency, Western Union Money Transfer u kambju ta' flus;
- David Borg Hedley jikkonferma l-versjoni moghtija mill-imputat li meta persuna kienet tmur biex tibghat ammont ta' flus kienet issir verifika ta' dokument li seta' jkun passaport, karta ta' identita', licenzja tas-sewqan anki dawk mahruga minn awtoritajiet barranin u jigi zgurat li r-ritratt ikun jaqbel mal-persuna li tkun quddiemu. Kienu jigu kkijati d-dettalji tal-persuni fis-sistema tal-Western Union International u l-istess sistema kienet tipprocessa t-transazzjoni jew twaqqafha. Kien jinhareg money transfer control number wara ftit sekondi li d-data tiddahhal fis-sistema. Dan in-numru kien jinghata

[10] Dok JS1 a fol 156 tal-process

lill-klijent u l-agent jew clerk ma kienx ikun jaf jekk it-transazzjoni twaqqfitx minn barra hlief meta kien imur lura l-klijent ghandu;

- Ma kienx hemm mod kif l-iskrivan jew l-agent seta' jivverifika l-veracita' tad-dokument ipprezentat lilu;
- Gie ammess li hafna mill-formoli, li fuqhom kien ikun hemm id-dettalji li jigu kkijati fis-sistema, kienu jimtlew mill-iskrivan jew agent biex il-process ighaggel. L-istess imputat fix-xhieda tieghu jammetti dan u jghid li kien jghaddi bejn tletin/hamsin transazzjoni kuljum, fejn hafna mill-klijenti lanqas kienu jkunu jafu jiktbu u fost hafna genn partikolarment ghax bhala daqs il-fergha kienet zghira u gieli kien ikun hemm kju barra mill-ufficcju;
- Il-formola li kienet timtela ma kinitx tintuza ai fini sabiex tigi processata t-transazzjoni *per se* billi hekk kif id-dettalji (li jinsabu fil-formola) jigu kkijati fis-sistema u tinghafas il-buttuna send kien jinhareg money transfer control number minnufih.

Waqt il-kors tal-kumpilazzjoni ma ntqalx b'mod car jekk il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz kinitx qieghda ssostni li l-*predicate offence* kinitx traffikar ta' droga jew altrimenti l-falsifikazzjoni tad-dokumentazzjoni. Zgur li f'dan il-kaz *non si tratta* ta' *stand alone money laundering* stante li minn dak li rrizulta mill-assi tal-imputat – kontijiet bankarji rrizulta minnhom li huwa ma rceviex flejjes oltre dawk li kienu dovuti lilu ghall-impjieg tieghu u ghandu vettura wahda u m'hemmx xi gid ta' tali portata li jehtieg li jaghti spjegazzjoni ghalih.

Inkwantu ghall-provi li ngabru fil-fehma tal-Qorti ma giex ippruvat sal-grad rikjest mil-Ligi li l-flus li gew trazmessi liz-zewg Litwani jew d'altronde lill-persuna l-ohra kienu flus derivanti minn xi attivita' illecita. Verament irrizulta li Clive Butler ghandu proceduri kriminali fil-konfront tieghu. Ebda ness ma gie ppruvat, f'dawn il-proceduri, bejn min baghat il-flus u l-Litwani li twaqqfu bid-droga fil-Germanja u wisq anqas xi ness mal-imputat. Apparti li l-imputat xehed li huwa ma jafx lil Litwani, imkien u fl-ebda proceduri ma rrizulta li kien hemm xi konnessjoni bejn il-persuni msemmija ossija l-Litwani u Clive Butler u l-imputat.

Gie spjegat minn Anthony Spiteri Gonzi li billi l-agenzija hija tieghu, kienet tintuza' l-credit card tieghu biex ighaddi hlas ghal biljett tal-ajru u

ghalhekk inghatat spjegazzjoni plawsibbli dwar il-biljett tal-ajru li xtara Clive Butler mill-agenzija.

Jigi nnutat ukoll li waqt ix-xhieda tieghu l-Ex-Spettur Mula qal li minn investigazzjonijiet ohra li kellu l-ammonti tal-flus setghu kienu indikattivi li kienu gejjin minn traffikar ta' droga. Ma giex spjegat kif din l-asserzjoni hijiex xi fatt maghruf u kif allura l-imputat seta' kien jaf jew b'xi mod jissuspetta li l-flus li kienu qed jintbaghtu kienu derivanti minn traffikar ta' drogi. Ma jistax ma jigix innutat li l-ammonti nvoluti kienu wkoll fil-limitu tal-*capping* li seta' jintbaghat minn individwu ghal iehor u li ntbaghtu fuq medda ta' xhur.

L-imputat jinsab addebitat bi ksur tal-artikoli 183, 184 u 189 tal-Kodici Kriminali.

Kif gie ritenut f'diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Galea**[11]:

*Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …*

[11] 17 ta' Ottubru 1997

L-imputat qieghed jigi addebitat bi ksur tal-artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali. L-artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghall-kaz odjern stante li l-formoli inkwistjoni la huma att pubbliku, la huma skritturi kummercjali jew ta' bank privat. Dwar dan zgur ma hemmx kontestazzjoni. Konsegwentement lanqas ma tista' tinstab reita' inkwantu ghall-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali. Ghaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab hati tas-sitt u s-seba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

L-imputat jinsab ukoll addebitat bi ksur tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jistipula s-segwenti:

*189. Kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa sena.*

Illi mill-provi prodotti rrizulta li l-imputat mhux l-ewwel darba li kien jimla l-formoli huwa tal-klijent li jkollu quddiemu. Gie pero' wkoll allegat li huwa mhux biss kien jimla d-dettalji rikjesti fil-formola izda wkoll kien jiffirma fil-kaxxa fejn suppost ikun iffirma l-klijent partikolari.

Fil-kors tal-inkjesta gie nominat bhala espert kaligrafiku Joseph Mallia u gie nkarigat sabiex iwettaq ezami komparattiv bejn 86 dokument tal-agenzija Fexco-Fexserv Financial Services (Western Union) immarkati bhala dokumenti minn FS1 sa FS86, u d-dokumenti JM1 sa JM6, kampjuni tal-firma u tal-kaligrafija ta' Edward Spiteri Gonzi. Dan l-espert fir-relazzjoni tieghu kkonkluda s-segwenti:

*Illi wara li saru l-ezamijiet kaligrafici komparattivi u rikjesti bejn il-firem tal-klijenti (Customer's Signature) li jidhru miktubin fuq il-formoli tal-'Fexco-Fexserv' dokumenti minn FS1 sa FS 85, mal-kitba li tidher miktuba u ffirmata mill-agent fuq l-istess formoli, kif ukoll il-kaligrafija ta' Edward Spiteri Gonzi dokumenti JM1 sa JM5, l-esponenti jikkonkludi dan li gej:*

1. *Illi minn ezamijiet komparattivi li l-esponent ghamel fuq il-kitba li tidher miktuba fuq il-formoli dokumenti minn FS1 sa FS 86, (eskluz il-firma tal-klijent li tidher fis-sezzjoni tal-Optional Services), irrizulta illi din il-kitba giet miktuba mill-istess awtur.*

2. *Illi minn ezamijiet komparattivi li l-esponent ghamel bejn il-kitba li tidher miktuba fuq il-formoli dokumenti minn FS1 sa FS86, (eskluz il-firma tal-klijent li tidher fis-sezzjoni tal-Optional Services) mal-kaligrafija ta' Edward Spiteri Gonzi dokumenti JM1 sa JM5, irrizulta li gew identifikati punti karatteristici komuni, identici u ko-ordinati flimkien pozittivament.*

3. *Illi minn ezamijiet komparattivi li saru bejn il-firma tal-Agent li tidher miktuba fuq il-formoli dokumenti FS1 sa FS 86, mal-kampjuni tal-firem ta' Edward Spiteri Gonzi dokument JM6, irrizulta illi gew identifikati punti karatteristici komuni, identici u ko-ordinati flimkien pozittivament, bejn il-firem kollha taht ezami.*

4. *Illi l-punti karatteristici li gew identifikati fil-kors tal-kitba li tifforma l-firma tal-klijent (Customer's Signature) li jidhru miktubin fuq il-formoli dokumenti FS1, FS27, FS36, FS61, FS69, FS70, FS72, FS78, FS79, FS82, FS83, FS84, FS85 u FS86 ma jaqblux mal-punti karatteristici li jinsabu fil-kors tal-kitba ta' Edward Spiteri Gonzi.*

5. *Illi fuq il-kumplament tad-dokumenti l-ohra taht ezami, gew identifikati u kkomparati pozittivament punti karatteristici identici u ko-ordinati ma' xulxin, bejn il-kitba li tifforma l-firma tal-klijent (Customer's Signature) u l-kitba li tidher miktuba u ffirmata mill-agent fuq l-istess formoli, kif ukoll mal-kaligrafija ta' Edward Spiteri Gonzi dokumenti JM1 sa JM5.*

Illi f'dawn il-proceduri ma tressqux bhala xhieda l-persuni li d-dettalji u l-firem taghhom jirrizultaw fuq il-formoli li gew ezaminati mill-espert Joseph Mallia. Lanqas ma rrizulta sal-grad rikjest mil-ligi li l-flus li ntbaghtu mid-diversi persuni kienu rizultanti ta' xi illecita jew illegalita' jew li l-imputat b'xi mod seta' jissuspetta jew ikun jaf li dawn il-flus ma kienux leciti.

Stabilit dan izda rrizulta li l-imputat fuq il-formoli ezebiti u ezaminati minn Joseph Mallia u li ssir referenza ghalihom fil-paragrafu numru hamsa tal-konkluzjoni tal-istess espert ghazel li ghal xi raguni jiffirma huwa minflok il-klijent. Huwa minnu li rrizulta li tali formoli kienu sempliciment jintbaghtu l-Head Office tal-kumpanija u ma kienu jigu pprezentati mkien izda xorta wahda jibqa' l-fatt li l-imputat iffirma huwa flok il-klijent.

Dan l-agir tal-imputat jaqa' fil-parametri tal-artikolu 189 tal-Kodici Kriminali liema artikolu jippostula l-falz materjali. Biss pero' l-piena ghal tali reat hija ta prigunerija mhux izjed minn sitt xhur. L-imputat la kien impjegat u lanqas ufficcjal pubbliku u ghaldaqstant l-aggravant imsemmi fl-istess artikolu ma japplikax fil-konfront tal-imputat.

Illi tenut kont tal-piena applikabbli, dan ifisser li a tenur tal-artikolu 668(e) tal-Kodici Kriminali l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni *bl-egħluq ta' sentejn għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn sena, jew tal-multa jew għall-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

Fil-kaz odjern il-formoli imtlew fis-snin 2010 bl-ahhar wahda ezaminata ggib id-data tad-29 ta' Marzu 2011. L-imputat tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja biss fil-5 ta' Mejju 2015 u ghaldaqstant din l-imputazzjoni hija preskritta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tiddikjara t-tmien imputazzjoni bhala wahda preskritta, ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u minnhom tilliberah.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**